MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Numru. 81/2005

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
JESMOND GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Gatt, ta’ 34 sena, bin Gaetano u Maria nee’ Portelli, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Marzu 1970 u residenti 2, Triq il-Ferrovija, Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 211370(M), u akkuzat talli fis-27 ta’ Jannar 2005, ghal habta tal-2.45am, fil-Hamrun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-detriment tad-dirigenti tal-Federazzjoni tal-Hamiem tal-Giri.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Mark Catania bi kliem.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Mark Catania b'oggett iebes (flixkun).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bl-ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies.

U fl-ahhar akkuzat talli huwa ricediv.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena, f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mark Catania, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Jesmond Gatt b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dokument MB1 a fol 37) u tal-imputat (a fol 13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fakulta' moghtija lill-partijiet sabiex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet fil-31 ta' Jannar 2007, kif ukoll l-estenzjoni moghtija fil-verbal tat-18 t'April 2007.

Rat illi l-partijiet baqghu inadempjenti.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, (a fol 33 et seq), jirrizulta illi fis-27 ta' Jannar 2005, l-Ispettur Mario Bonello gie nfurmat illi kien hemm glieda li kienet qed issehh fil-Club tal-Hamiem fil-Hamrun, f'liema glieda kien involut l-imputat u l-'barman'. L-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal l-ebda domanda fl-istqarrija li ttehditlu, liema stqarrija giet esebita bhala dokument MB li tinstab a fol 35 u 36.

Mark Catania, a fol 38, xehed illi fis-27 ta' Jannar, waqt li hu kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu, u cioe' l-gestjoni tal-'bar' imsejjah Federation Bar, il-Hamrun, liema 'bar' huwa kien ghadu kemm ha l-gestjoni tieghu xi erba' xhur qabel, beda jinnota illi l-imputat Jesmond Gatt kien qieghed isegwih. Mark Catania xehed illi apparti li beda jsegwih, l-imputat kien jibda' jkellmu u dejjem isemmilu kliem bhal nar, pitrolju, irid iqabbadlu l-post, u kliem bhal **'minn hawn kieku serquk, kienu serquh dan il-post**', u beda qisu jipprova jdahhallu f'rasu illi xi hadd kien ser jisirqu. Dan dam ghaddej ghal bejn sitta u seba' gimghat. In oltre, beda jinduna illi kien qed jitkellimlu mal-klijenti tieghu, per ezempju kellu wiehed anzjan u beda jipprova jehodlu minn rasu meta ser isarraf ic-cekk tal-penzjoni. In oltre, kien imurlu l-hanut, joqghod jissindikalu l-armaturi mimlija, u jikkalkulalu kemm kellu 'stock' u kemm jiswa' dan l-'stock'.

Dakinhar ta' l-incident, Mark Catania xehed illi l-imputat kien rega' semmielu n-nar u l-pitrolju, u dak il-hin, iddecieda li jikkonfronta lill-imputat bil-kliem **'jigifieri inti trid tahraq lili'**, u qallu li hu ma kienx jibza' minnu. Illi wara dan, kien hareg minn wara l-bank, qabad il-flixkun tat-Tequila, u qallu illi filfatt seta' jqabbdu bit-Tequila stess. Mark Catania xehed illi wara dan, xehet it-Tequila fuqu nnifsu u stieden lill-imputat iqabbdu. Minn hemmhekk inqala' paniku, l-imputat qaccatlu domna, tefa' l-affarijiet, kisser xi hgieg, ghamel xi hsara u hareg 'l barra, u dan pero' minghajr ma sehhet ebda glieda. Mark Catania gie muri PC1-PC7, u kkonferma li dawn kienu r-ritratti illi juru l-hsarat fuq il-bieb u t-tieqa tal-hanut. L-ammont tal-hsara kienet xi hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65), u din il-hsara

kienet hsara kontra l-kumitat tal-'club' u mhux lilu personalment.

A fol 42, Mark Catania kkonferma li huwa kien sfida lill-imputat biex jaharqu, wara li kien xarrab lilu nnifsu bit-Tequila. Mark Catania xehed illi huwa soltu jixrob l-inbid u jikkonsma bejn zewgt ifliexken jew tlieta fil-gurnata.

Joseph M Cardona, rapprezentant tal-Federation tar-Racing Pigeons Club, il-Hamrun, ikkonferma illi l-hsara li twettqet fil-'club' kienet ta' hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65), u esebixxa dokument C, a fol 48.

PS 125 Malcolm Mifsud, a fol 50, xehed illi l-Pulizija kienet imsejjha fil-Club Federation Racing Pigeons il-Hamrun, wara li semghet hafna ghajjat gej mill-istess 'club', u sabu lill-kwerelant Mark Catania u lill-imputat jillatikaw u jinsulentaw lil xulxin. PS 125 Mifsud xehed illi l-kwerelant beda jghid illi t-tkissir fil-'club' kien sar minn Jesmond Gatt. Il-hsara kienet tikkonsisti fil-hgieg tal-bieb tal-hanut u f'xi fliexken ukoll. L-okkorrenza giet esebita bhala dokument PS u tinstab a fol 53. PS Mifsud ikkonferma l-istqarrija dokument MB u kkonferma l-prezenza tieghu waqt din l-istqarrija. Xehed ukoll illi Mark Catania, meta gie mitkellem mill-Pulizija, ma kienx xurban, pero' seta' kellu 'drink'.

PC 117 Alfred Mangion esebixxa sentenza dokument PC, a fol 58, redata mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera fil-konfront ta' l-imputat.

Joseph Aquilina, a fol 61, xehed illi huwa kien prezenti fil-hanut meta nqalghet it-tilwima bejn l-imputat u l-kwerelant, kien fis-sala tal-'billiards', u ghaldaqstant, ma kienx prezenti hekk kif inqala' l-argument izda kien prezenti ftit wara minhabba li sema' l-ghajjat. Xehed illi huwa l-ewwel darba li ra lill-partijiet, kien meta ra lill-imputat jinqala' minn ma' sid il-hanut, waqt li sema' lil Mark Catania jghid il-kliem **'qabbadni…ejja naqbdu'** (ara xhieda a fol 62).

Joseph Aquilina jaf illi gie mkisser il-hgieg tal-hanut, **izda ma jafx ezattament kif dan inkiser**. Jaf pero' illi wiehed

mill-partijiet gie mbuttat ghal barra u zelaq, u ftit wara, rega’ dahal fil-hanut. Kien wara dan illi bdew jitkissru l-affarijiet. Sussegwentement gew il-Pulizija. In kontro ezami, Joseph Aquilina xehed illi ghalih, il-‘barman’ deher normali u mhux fi stat ta’ sakra ghalkemm kien qed jixrob wara l-‘bar’. Xehed illi l-kwerelant kien soltu jixrob u l-imputat dakinhar kien qed jixrob ukoll. Aquilina kkonferma illi huwa kien habib ta’ l-imputat u tal-kwerelant u **cahad illi ra lill-kwerelant jitfa’ xi Tequila fuqu nnifsu**.

Supretendent Neil Harrison, a fol 20, esebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri li giet esebita bhala dokument NH1 a fol 22 et seq, u kkonferma l-imputat bhala l-persuna li ghaliha tirreferi din is-sentenza.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien jaf lill-kwerelant ghaliex ta’ sikwit kien imur jiehu xi haga jew xi ‘drink’ mill-‘club’ tal-Hamiem, il-Hamruun. Dakinhar, sid il-hanut kien qed jixrob l-inbid waqt li l-imputat kien qed jixrob il-birra. F’hin minnhom, l-imputat stqarr illi Mark Catania hareg minn wara l-‘bar’, ghafsu mieghu, xehitlu l-kontenut ta’ flixkun Tequila u qallu **‘halli nqabbdu’**, u beda jindirizza lin-nies tal-‘bar’, **‘gibuli lighter halli nqabbdu’**.

L-imputat xehed illi kif sema’ dan il-kliem, huwa hareg jigri minn gol-hanut waqt li l-kwerelant qabad banketta u beda jkisser kullimkien biha. L-imputat xehed li ta’ dan kollu, kien hemm certu Richard xhud.

In kontro ezami, l-imputat iddikjara li huwa qatt ma kellu xi jghid mal-kwerelant qabel dan l-incident. L-imputat xehed illi dan Richard ipprova jirraguna ma’ Mark Catania u rnexxielu jikkalmah ftit, u kien f’dan il-mument illi hu rnexxielu jizgicca minn taht idejn Catania.

Richard Cuschieri xehed illi huwa kien qieghed fil-hanut meta nqalghet it-tilwima bejn il-partijiet. Cuschieri xehed illi huwa kien qed jixrob ma’ xi hbieb tax-xoghol, sema’ vucijiet gholja, hares u ra lil Mark Catania hiereg minn wara l-‘bar’, qabad lill-imputat u zammu, waqt li beda jxerred flixkun Tequila fuqhom it-tnejn. Cuschieri stqarr illi

Catania kellu ‘lighter’ fuq il-‘bar’ u ghalhekk meta Cuschieri sema’ lil Catania jitkellem fuq tqabbid ta’ nar, Cuschieri mar u nehha l-‘lighter’.

Cuschieri stqarr illi wara dan, l-imputat gie mahrug ‘l barra min-nies tal-hanut waqt li Catania qabad banketta. Cuschieri ghalaq is-‘shutter’ tal-‘bar’ u b’hekk, irnexxielu jissepara lil Catania minn ma’ l-imputat.
Sakemm Cuschieri lahaq nizzel is-‘shutter’, bdew jintefghu hafna tazzi u fliexken bl-addocc. Wara li nizzel is-‘shutter’, sema’ hafna hsejjes ta’ ksur ta’ hgieg minn barra u mbaghad gew il-Pulizija.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi fuq prodotti, jirrizulta car illi l-kwerlant huwa bniedem imdorri jixrob bejn flixkun u tlieta inbid kuljum u dan dahhalha f’rasu illi l-imputat qed jissindikah u hass ruhu mhedded li l-imputat ser jahraqlu jew jisraqlu l-hanut.

Illi Catania, minflok ma talab l-assistenza jew investigazzjoni ulterjuri tal-Pulizija f’din il-materja, aggredixxa lill-imputat, qabdu, zammu u xarrbu bi flixkun Tequila u heddu li ser iqabbdu.

Illi l-imputat irnexxielu johrog ‘l barra mill-hanut u Cuschieri ghalaq is-‘shutter’ tal-istess hanut halli jferraqhom u jisseparahom. Sakemm ghamel dan, il-kwerelant Catania qabad banketta ghall-imputat u ntefghu ghadd ta’ fliexken u tazzi.

Il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex **tipprova li kien l-imputat li ghamel t-tifrik fil-hanut**, anzi mix-xhieda ndipendenti, u cioe’, Cuschieri li xehed li jidher illi t-tifrik sar mill-kwerelant stess permezz tal-banketta, waqt illi Aquilina xehed illi ma jafx min tefa’ xiex u kif inkiser il-hgieg tal-bieb. Jirrizulta illi kien aktar probabbli li t-tifrik tal-hanut sar mill-kwerelant stess.

Illi f’din ir-retro xena, ebda Qorti ma tista’ ssib htija fl-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------